

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 171/2012

tat-28 ta' Settembru 2012

li temenda l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

“— **32011 R 0580:** ir-Regolament (UE) Nru 580/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 (ĠU L 165, 24.6.2011. p. 3).”

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 580/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 460/2004 li jistabbilixxi l-Aġenċja Ewropea dwar is-Sigurta tan-Netwerks u l-Informazzjoni f'dak li jirrigwarda l-perjodu effettiv (⁽¹⁾) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

- (2) L-Anness XI għall-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat kif adatt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 5cp (ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XI għall-Ftehim ŻEE:

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 580/2011 bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ma' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2012, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

⁽¹⁾ ĠU L 165, 24.6.2011, p. 3.

^(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.